**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ►M2 ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-24 ta' Mejju 2006**

**li jistabbilixxi l-ammonti li, skond l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008, ikunu disponibbli għall-FAEŻR, kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-infiq mill-FAEG ◄**

(2006/410/KE)

(ĠU L 306M, 15.11.2008, p. 496)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/680/KE tat-22 ta' Ottubru 2007 | L 280 | 27 | 24.10.2007 |
| ►M2 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/787/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 | L 271 | 41 | 11.10.2008 |
| ►M3 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/955/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 | L 338 | 67 | 17.12.2008 |

▼B

# ►M2 ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-24 ta' Mejju 2006

## li jistabbilixxi l-ammonti li, skond l-Artikoli 10(2), 143d u 143e tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008, ikunu disponibbli għall-FAEŻR, kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-infiq mill-FAEG ◄

(2006/410/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' sostenn taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa ([2]) jistabbilixxi l-metodu għall-ikkalkular tal-ammonti netti għall-modulazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). L-Artikoli 143d u 143e ta' dak ir-Regolament jiffissaw l-ammonti li għandhom isiru disponibbli għall-FAEŻR għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-qoton u t-tabakk.

(2) L-ammont massimu annwali disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) qabel it-trasferimenti għall-FAEŻR sal-2013 huma stabbiliti fl-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-qafas finanzjarju 2007-2013 ([3]).

(3) L-ammonti li għandhom ikunu disponibbli għall-FAEŻR u l-bilanċ nett li għanduu jkun disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għandhom jiġu ffissati fuq il-bażi ta' dawk l-ammonti massimi annwali għas-snin tal-baġit 2007-2013

IDDEĊIEDET KIF ĠEJ:

▼M2

*Artikolu Uniku*

L-ammonti li għas-snin baġitarji 2007 sa 2013 qegħdin għad-dispożizzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), skond l-Artikoli 10(2), 143(d) u 143(e) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007, kif ukoll l-ammont nett disponibbli għall-infiq mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jidhru fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

---

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni 319/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 32).
([3]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali.

▼M3

*ANNESS*

*(EUR miljuni)*

| Sena tal-bagħit | Ammonti disponibbli għall-FAEŻR | | | | | Bilanċ nett disponibbli għall-infiq mill-FAEG |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | Artikolu 143(d) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | Artikolu 143(e) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 | Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007, | Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, | |
| 2007 | 984 | 22 | | | | 44 753 |
| 2008 | 1 241 | 22 | | 362,0 | | 44 592 |
| 2009 | 1 305,7 | 22 | | 424,0 | 40,5 | 44 886,8 |
| 2010 | 1 310,8 | 22 | | 506 | 80,9 | 45 226,3 |
| 2011 | 1 290,8 | 22 | 484 | 516,3 | 121,4 | 45 182,5 |
| 2012 | 1 292,3 | 22 | 484 | 522,4 | 121,4 | 45 650,9 |
| 2013 | 1 293,0 | 22 | 484 | 522,4 | 121,4 | 46 131,2 |